

Dan id-dokument ġie magħmul bil-ħsieb li jintuża bħala għodda ta' dokumentazzjoni u l-istituzzjonijiet ma jassumu l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu

► **B** **ID-DIRETTIVA 2002/3/KE TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**
tat-12 ta' frar 2002
dwar l-ożonu fl-arja ambjentali
(ĠU L 67, 9.3.2002, p. 14)

Emendata minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Pàġna	Data
► <u>M1</u>	Direttiva 2008/50/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Mejju 2008	L 152	1	11.6.2008



**ID-DIRETTIVA 2002/3/KE TAL-PARLAMENT EWROPEW U
TAL-KUNSILL**

tat-12 ta' frar 2002

dwar l-ożonu fl-arja ambjentali

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw t-Trattat li jstabilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 175(1) tiegħu,

Wara li kkunsidraw l-proposta mill-Kummissjoni ⁽¹⁾,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali ⁽²⁾,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni ⁽³⁾,

Waqt li jaġixxu skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 251 tat-Trattat ⁽⁴⁾, fid-dawl tat-test konġunt approvat mill-Kumitat ta' Konċiljazzjoni fl-10 ta' Diċembru 2001,

Billi:

- (1) Abbażi tal-prinċipji li jħaddan l-Artikolu 174 tat-Trattat, il-*Ħames Programm ta' Azzjoni Ambjentali*, approvat mir-Reżoluzzjoni tal-Kunsill tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet ta' l-Istati Membri li jiltaqgħu fil-Kunsill ta' l-1 ta' Frar 1993 dwar programm Komunitarju Ewropew ta' politika u azzjoni fir-rigward ta' l-ambjent u l-iżvilupp sostenibbli ⁽⁵⁾ u ssiplimentat bid-Deċiżjoni Nru 2179/98/KE ⁽⁶⁾ jipprevedi, b'mod partikolari, emendi għal-leġislazzjoni eżistenti dwar il-pollutanti ta' l-ajru. Il-programm imsemmi jirrakkomanda l-istabbiliment ta' miri tal-kwalità ta' l-arja għal żmien twil.
- (2) Skond l-Artikolu 4(5) tad-Direttiva tal-Kunsill 96/62/KE tas-27 ta' Settembru 1996 dwar l-istima u l-amministrazzjoni tal-kwalità ta' arja ambjentali ⁽⁷⁾, il-Kunsill għandu jadotta l-leġislazzjoni prevista fil-paragrafu 1 u d-dispożizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafi 3 u 4 ta' dak l-Artikolu.
- (3) Huwa importanti li tiġi assicurata protezzjoni effettiva kontra effetti ta' ħsara għas-saħħa umana minn espożizzjoni għall-ożonu. L-effetti ta' ħsara ta' l-ożonu fuq il-veġetazzjoni, l-ekosistemi u l-ambjent in ġenerali għandhom jitnaqqsu, sa fejn possibbli. In-natura transkonfinali ta' tniġġiż ta' l-ożonu teħtieġ li jittieħdu miżuri fl-livell Komunitarju.
- (4) Id-Direttiva 96/62/KE ttiprovdi li l-egħtiebi numeriċi għandhom ikunu bbażati fuq ir-riżultati tax-xogħol imwettaq minn gruppi xjentifiċi internazzjonali attivi fil-qasam. Il-Kummissjoni għandha tieħu kont tad-*data* l-iktar riċenti xjentifika ta' riċerka fl-oqsma epidemoloġiċi u ambjentali kkonċernati u ta' l-avvanzi l-iktar riċenti fil-metroloġija bl-iskop ta' eżami mill-ġdid ta' l-elementi li fuqhom huma bbażati dawn l-egħtiebi.
- (5) Id-Direttiva 96/62/KE tetieg li jiġu stabbiliti valuri limiti u/jew ta' mira għall-ożonu. In vista tan-natura transkonfinali ta' tniġġiż ta' l-ożonu, għandhom jiġu stabbiliti valuri mira fl-livell Komunitarju

⁽¹⁾ ĠU C 56 E, tad-29.2.2000, p. 40, u ĠU C 29 E, tat-30.1.2001, p. 291.

⁽²⁾ ĠU C 51, tat-23.2.2000, p. 11.

⁽³⁾ ĠU C 317, tas-6.11.2000, p. 35.

⁽⁴⁾ L-Opinjoni tal-Parlament Ewropew tal-15 ta' Marzu 2000 (ĠU C 377, tad-29.12.2000, p. 154), il-Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill tat-8 ta' Marzu 2001 (ĠU C 126, tas-26.4.2001, p. 1) u d-Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Ġunju 2001 (għadha mhux ippubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali*). Id-Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tas-17 ta' Jannar 2002 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill tad-19 ta' Diċembru 2001.

⁽⁵⁾ ĠU C 138, tas-17.5.1993, p. 1.

⁽⁶⁾ ĠU L 275, ta' l-10.10.1998, p. 1.

⁽⁷⁾ ĠU L 296, tal-21.11.1996, p. 55.

▼B

għall-protezzjoni tas-saħħa umana u għall-protezzjoni tal-veġetazzjoni. Dawk il-valuri mira għandhom jirrelataw għall-miri *interim* derivati mill-istrateġija Komunitarja intergata sabiex tiġi kkumbattuta l-aċidifikazzjoni u l-ożonu fil-livell ta' l-art, li wkoll jiffurmaw il-bażi tad-Direttiva 2001/81/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2001 dwar limiti ta' emissjoni nazzjonali għal ċerti pollutanti atmosferiċi ⁽¹⁾.

- (6) Skond id-Direttiva 96/62/KE, għandhom jiġu implimentati pjani-jiet u programme fir-rigward ta' żoni u agglomerazzjonijiet li fihom konċentrazzjonijiet ta' l-ożonu jeċċedu valuri mira sabiex jiġi assigurat li l-valuri mira jiġu sodisfatti sa fejn possibbli mid-data speċifikata. Dawn il-pjanijiet u programme għandhom fil-biċċa l-kbira jirreferu għal miżuri ta' kontroll li għandhom jiġu implimentati skond leġislazzjoni rilevanti Komunitarja.
- (7) Miri għal żmien fit-tul għandhom jiġu stabbiliti bl-iskop li jipprovdur protezzjoni effettiva tas-saħħa umana u ta' l-ambjent. Miri għal żmien twil għandhom jirrelataw għall-istrateġija tat-tnaqqis ta' l-ożonu u l-aċidifikazzjoni u l-mira tagħha li titnaqqas id-distanza bejn il-livelli kurrenti ta' l-ożonu u l-miri għal żmien twil.
- (8) Miżuri għandhom ikunu mandatorji f'żoni fejn il-miri għal żmien twil jinqabżu. Mezzi supplimentari ta' stima jistgħu inaqqsu n-numru meħtieġ ta' punti fissi biex jittieħdu l-kampjuni.
- (9) Għatba ta' twissija għall-ożonu għandha tiġi stabbilita għall-protezzjoni tal-popolazzjoni in ġenerali. Għatba ta' informazzjoni għandha tiġi stabbilita sabiex jiġu protetti sezzjonijiet sensittivi tal-popolazzjoni. Informazzjoni aġġornata dwar konċentrazzjonijiet ta' l-ożonu f'arja ambjentali għandha tkun bħala rutina magħmula disponibbli għall-pubbliku.
- (10) Pjanijiet ta' azzjoni għal żmien qasir għandhom jiffasslu meta r-riskju li tinqabeż l-għatba ta' twissija jista' jtnaqqas b'mod sinifikanti. Il-potenzjal għat-tnaqqis tar-riskju, it-tul u s-severità taż-żejjed għandhom jiġu investigate u stmati. Miżuri lokali m'għandhomx ikunu meħtieġa meta l-kontroll ta' benefiċċji u spejjeż jurihom bħala sproporzjonati.
- (11) In-natura transkonfinali ta' tniġġiż ta' l-ożonu tista' teħtieġ xi koordinazzjoni bejn Stati Membri fil-viċin fit-tfassil u l-implimentazzjoni tal-pjanijiet, programmi u pjani-jiet ta' azzjoni għal żmien qasir u f'informazzjoni lill-pubbliku. Meta approprjat, Stati Membri għandhom isegwu kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi, b'emfasi partikolari fuq l-involviment kmieni ta' pajjiżi kandidati ta' adeżjoni.
- (12) Bħala bażi għal rapporti regolari, informazzjoni dwar konċentrazzjonijiet imkejila għandha tiġi sottomessa lill-Kummissjoni.
- (13) Il-Kummissjoni għandha tirrevedi d-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva fid-dawl tar-riċerka xjentifika l-iktar riċenti li tikkonċerna, b'mod partikolari, l-effetti ta' l-ożonu fuq is-saħħa umana u fuq l-ambjent. Ir-rapport tal-Kummissjoni għandu jiġi ppreżentat bħala parti integrali ta' strateġija ta' kwalità ta' l-ajru maħsuba sabiex tirrevedi u tipproponi miri Komunitarji dwar il-kwalità ta' l-arja u sabiex tiżviluppa strateġiji ta' implimentazzjoni sabiex jiġi assigurat is-sodisfazzjoni ta' dawk il-miri. F'dan il-kuntest, ir-rapport għandu jieħu kont tal-potenzjal sabiex jint-laħħqu l-miri għal żmien twil fi żmien perjodu speċifikat.
- (14) Il-miżuri neċessarji għall-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva għandhom jiġu adottati skond id-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 li tistabilixxi l-proċeduri

⁽¹⁾ ĠU L 309, tas-27.11.2001, p. 22.

▼B

għall-eżerċizzju ta' poteri ta' implimentazzjoni mogħtija lill-Kummissjoni ⁽¹⁾.

- (15) Ladarba l-miri ta' l-azzjoni proposta li tassigura protezzjoni effettiva kontra effetti ta' ħsara fuq is-saħħa umana mill-ożonu u li jnaqqsu l-effetti ta' ħsara ta' l-ożonu fuq il-veġetazzjoni, ekosistemi u l-ambjent in ġenerali ma jistgħux jiġu sodisfatti b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri minħabba n-natura transkonfinali ta' tniġġiż ta' l-ożonu u jistgħu għalhekk jintlaħħqu aħjar flivell Komunitarju, il-Komunità tista' tadotta miżuri, skond il-prinċipju ta' sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat. Skond il-prinċipju ta' proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, din id-Direttiva ma tmurx lil hinn minn dak li hu neċessarju sabiex jintlaħħqu dawk il-miri.
- (16) Id-Direttiva tal-Kunsill 92/72/KEE tal-21 ta' Settembru 1992 dwar it-tniġġiż ta' l-arja mill-ożonu ⁽²⁾ għandha titħassar,

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

L-Artikolu 1

Il-miri

L-iskop ta' din id-Direttiva huwa:

- (a) li jiġu stabbiliti miri għal żmien twil, valuri mira, għatba ta' twissija u għatba ta' informazzjoni għal konċentrazzjonijiet ta' ożonu f'arja ambjentali fil-Komunità, maħsuba sabiex jiġu evitati, pprevenuti jew imnaqqsa l-effetti ta' ħsara fuq is-saħħa umana u fuq l-ambjent in ġenerali;
- (b) li jiġi assigurat li jintużaw metodi u kriterji komuni sabiex jiġu stmati konċentrazzjonijiet ta' ożonu u, kif approprijat, prekururi ta' l-ożonu (ossidi ta' nitroġenu u komposti organiċi volatili) f'arja ambjentali fl-Istati Membri;
- (c) li jiġi assigurat li tiġi ottenuta informazzjoni adegwata dwar livelli ambjentali ta' ożonu u li tkun magħmula disponibbli għall-pubbliku;
- (d) li jiġi assigurat li, fir-rigward ta' l-ożonu, il-kwalità ta' l-arja ambjentali tinżamm meta hija tajba, u titjeb f'każijiet oħra;
- (e) li tiġi promossa kooperazzjoni miżjuda bejn l-Istati Membri, fit-tnaqqis ta' l-ożonu, fl-użu tal-potenzjal ta' miżuri transkonfinalii u fi ftehim dwar dawn il-miżuri.

L-Artikolu 2

Definizzjonijiet

Għal-iskopijiet ta' din id-Direttiva:

1. "arja ambjentali" tfisser arja ta' barra fit-troposfera, esklużi postijiet tax-xogħol;
2. "pollutant" tfisser kwalunkwe sustanza introdotta direttament jew indirettament mill-bniedem fl-arja ambjentali u li x'aktarx ikollha effetti ta' ħsara fuq is-saħħa umana u/jew l-ambjent in ġenerali;
3. "sustanzi prekururi ta' l-ożonu", tfisser sustanzi li jikkontribwixxu għall-formazzjoni ta' ożonu fil-livell ta' l-art, li f'it minnhom huma elenkati fl-Anness VI;
4. "livell" tfisser il-konċentrazzjoni ta' pollutant f'arja ambjentali jew id-deposizzjoni tiegħu fuq superfiċi fi żmien partikolari;

⁽¹⁾ ĠU L 184, tas-17.7.1999, p. 23.

⁽²⁾ ĠU L 297, tat-13.10.1992, p. 1.

▼B

5. “stima” tfisser kwalunkwe metodu użat għall-kejl, il-kalkolu, il-previżjoni jew l-istima ta' pollutant fl-arja ambjentali;
6. “miżuri fissi” tfisser miżuri meħuda skond l-Artikolu 6(5) tad-Direttiva 96/62/KE;
7. “żona” tfisser parti mit-territorju ta' Stat Membru kif delimitata minnu;
8. “agglomerazzjoni” tfisser żona b' konċentrazzjoni ta' populazzjoni li teċċedi 250 000 abitant jew, meta l-konċentrazzjoni tal-populazzjoni hija 250 000 abitant jew inqas, densità ta' populazzjoni għal kull km² li għall-Istat Membru tiġġustifika l-bżonn biex il-kwalità ta' l-arja ambjentali tiġi stamta u amministrata;
9. “valur mira” tfisser livell iffissat bl-iskop, għal żmien twil, li jiġu evitati effettivi ta' ħsara fuq is-saħħa umana u/jew l-ambjent in ġenerali, li għandu jintlaħaq meta possibbli tul perjodu partikolari;
10. “mira għal żmien twil” tfisser konċentrazzjoni ta' l-ożonu fl-arja ambjentali li taħtha, skond tagħrif xjentifiku kurrenti, effetti diretti ta' ħsara fuq is-saħħa umana u/jew l-ambjent in ġenerali mhumiex probabbli. Din il-mira għandha tintlaħaq għal żmien twil, ħlief meta ma tintlaħaq permezz ta' miżuri proporzjonati, bl-iskop li tiġi pprovduta protezzjoni effettiva tas-saħħa umana u l-ambjent;
11. “għatba ta' twissija” tfisser livell li lil hinn minnu hemm riskju għas-saħħa umana minn espożizzjoni qasira għall-ppoulazzjoni ġenerali u li fiha għandhom jittieħdu passi imedjati mill-Istati Membri kif stabbilit fl-Artikoli 6 u 7;
12. “għatba ta' informazzjoni” tfisser livell li lil hinn minnu hemm riskju għas-saħħa umana minn espożizzjoni qasira għal sezzjonijiet partikolarment sensitivi tal-populazzjoni u li fihom hija neċessarja informazzjoni aġġornata;
13. “komposti organiċi volatili” (VOC) tfisser il-komposti organiċi kollha minn fonti antropoġeniċi u bijoġeniċi, ta' xort' oħra minn metan, li huma kapaċi jipproduċu ossidanti fotokimiċi b'reazzjonijiet ma' ossidi tan-nitroġenu fil-preżenza tad-dawl tax-xemx.

*L-Artikolu 3***Valuri mira**

1. Il-valuri mira għall-2010 fir-rigward ta' konċentrazzjonijiet ta' l-ożonu farja ambjentali huma daww stabbiliti fis-Sezzjoni II ta' l-Anness I.
2. L-Istati Membri għandhom ifasslu lista' ta' żoni u agglomerazzjonijiet li fihom il-livelli ta' l-ożonu fl-arja ambjentali, kif stmati skond l-Artikolu 9, huma ogħla mill-valuri mira msemmija fil-paragrafu 1.
3. Għaż-żoni u l-agglomerazzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 2, Stati Membri għandhom jieħdu miżuri sabiex jassiguraw, skond id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2001/81/KE, li pjan jew programm huwa ppreparat u implimentat sabiex jintlaħaq il-valur mira, ħlief meta ma jintlaħaq permezz ta' miżuri proporzjonati, kif mid-data speċifikata fis-Sezzjoni II ta' l-Anness I.

Meta, skond l-Artikolu 8(3) tad-Direttiva 96/62/KE, pjanijiet jew programme għandhom jiġu ppreparati jew implimentati fir-rigward ta' pollutanti ta' xort' oħra mill-ożonu, Stati Membri għandhom, meta approprijat, jippreparaw u jimplimentaw pjanijiet jew programme integrati li jkopru l-pollutanti kollha kkonċernati.

4. Il-programmi, msemmija fil-paragrafu 3, għandhom jinkorporaw mill-inqas l-informazzjoni elenkata fl-Anness IV mad-Direttiva 96/62/KE u għandhom ikunu magħmula disponibbli lill-pubbliku u lil organizzazzjonijiet approprijati bħal organizzazzjonijiet ambjentali, organizzazzjonijiet tal-konsumaturi, organizzazzjonijiet li jirrapreżentaw

▼B

l-interessi ta' gruppi ta' popolazzjoni sensittiva u korpi rilevanti oħra tal-kura tas-saħħa.

*L-Artikolu 4***Miri għal żmien twil**

1. Il-miri għal żmien twil għal konċentrazzjonijiet ta' l-ożonu f' arja ambjentali huma dawk stabbiliti fis-Sezzjoni III ta' l-Anness I.
2. Stati Membri għandhom ifasslu lista taż-żoni u l-agglomerazzjonijiet li fihom il-livelli ta' l-ożonu farja ambjentali, kif stmati skond l-Artikolu 9, huma ogħla mill-miri għal żmien twil imsemmija fil-paragrafu 1 imma inqas, jew ugwali għall-valuri mira stabbiliti fis-Sezzjoni II ta' l-Anness I. Għal dawn iż-żoni u l-agglomerazzjonijiet, Stati Membri għandhom jippreparaw u jimplimentaw miżuri li jassiguraw il-kopertura ta' l-ispejjeż bl-iskop li jintlaħħqu l-miri għal żmien twil. Il-miżuri meħuda għandhom, mill-inqas, ikunu konsistenti mal-pjanijiet jew mal-programmi kollha speċifikati fl-Artikolu 3(3). Barra minn dan, għandhom jibnu fuq miżuri meħuda taħt id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2001/81/KE, bl-użu tas-sena 2020 bħala referenza u b'kont meħud ta' progress lejn li jintlaħħqu l-limiti nazzjonali ta' emissjoni stabbiliti fid-Direttiva msemmija.
3. Progress Komunitarju lejn li jintlaħħqu l-miri għal żmien twil għandu jkun soġġett għal reviżjonijiet suċċessivi, bħala parti mill-proċess stabbilit fl-Artikolu 11 u in konnessjoni mad-Direttiva 2001/81/KE, bl-użu tas-sena 2020 bħala referenza u b'kont meħud tal-progress lejn li jintlaħħqu l-limiti nazzjonali ta' emissjoni stabbiliti fid-Direttiva msemmija.

*L-Artikolu 5***Ħtiġiet f'żoni u agglomerazzjonijiet fejn il-livelli ta' l-ożonu jissodisfaw il-miri għal żmien twil**

Stati Membri għandhom ifasslu lista ta' żoni u agglomerazzjonijiet li fihom il-livelli ta' l-ożonu jissodisfaw il-miri għal żmien twil. Sa fejn il-fatturi li jinkludu n-natura transkonfinali ta' tniġġiż ta' l-ożonu u kondizzjonijiet meteoroloġiċi jippermettu, għandhom iżommu l-livelli ta' l-ożonu f'dawk iż-żoni u agglomerazzjonijiet taħt il-miri għal żmien twil u għandhom jippreservaw permezz ta' miżuri proporzjonati l-aħjar kwalità ta' arja ambjentali kompatibbli ma' żvilupp sostenibbli u livell għoli ta' protezzjoni ta' l-ambjent u tas-saħħa umana.

*L-Artikolu 6***Informazzjoni lill-pubbliku**

1. Stati Membri għandhom jieħdu passi approprijati biex:
 - (a) jassiguraw li informazzjoni aġġornata dwar konċentrazzjonijiet ta' ożonu farja ambjentali hija bħala rutina magħmula disponibbli għall-pubbliku kif ukoll lil organizzazzjonijiet approprijati bħal organizzazzjonijiet ambjentali, organizzazzjonijiet tal-konsumatur, organizzazzjonijiet li jirrappreżentaw l-interessi ta' gruppi ta' popolazzjoni sensittivi u korpi rilevanti oħra tal-kura tas-saħħa.

Din l-informazzjoni għandha tiġi aġġornata fuq mill-inqas bażi ta' kuljum u, kull meta appropjat u prattikabbli, fuq bażi kull siegħa.

Din l-informazzjoni għandha mill-inqas tindika ż-żejjed kollu tal-konċentrazzjonijiet fil-mira għal żmien twil għall-protezzjoni tas-saħħa, l-għatba ta' informazzjoni u l-għatba ta' twissija għall-perjodu medju rilevanti. Għandha wkoll tippovdi stima qasira fir-rigward ta' effetti fuq is-saħħa.

▼B

- L-għatba ta' informazzjoni u l-għatba ta' twissija għal konċentrazzjonijiet ta' ożonu farja ambjentali jingħataw fis-Sezzjoni I ta' l-Anness II;
- (b) jagħmlu disponibbli lill-pubbliku u lil organizzazzjonijiet approprijati bħal organizzazzjonijiet ambjentali, organizzazzjonijiet tal-konsumaturi, organizzazzjonijiet li jirrappreżentaw l-interessi ta' gruppi ta' populazzjonijiet sensitivi u korpi rilevanti oħra tas-saħħa rapporti annwali komprensivi li għandhom mill-inqas jindikaw, fil-każ ta' saħħa umana, iż-żjedd kollu ta' konċentrazzjonijiet fil-valur mira u fil-mira għal żmien twil, l-għatba ta' informazzjoni u l-għatba ta' twissija, għall-perjodu medju rilevanti, u fil-każ ta' veġetazzjoni, kwalunkwe żejjed fil-valur mira u fil-mira għal żmien twil, ikkombinat ma', kif approprijat, stima qasira ta' l-effetti ta' dan iż-żejjed. Jistgħu jinkludu, meta approprijat, informazzjoni ulterjuri u stimi dwar il-protezzjoni ta' foresti, kif speċifikat fis-sezzjoni I ta' l-Anness III. Jistgħu ukoll jinkludu informazzjoni dwar sustanzi prekursori rilevanti, sa fejn dawn mhumiex koperti minn leġislazzjoni Komunitarja eżistenti;
- (ċ) jassiguraw li informazzjoni f'waqtha dwar iż-żjedd attwali jew previst fl-għatba ta' twissija hija pprovduta lil istituzzjonijiet dwar il-kura tas-saħħa u lill-populazzjoni.

L-informazzjoni u r-rapporti msemmija fuq għandhom jiġu ppubblikati b'mezzi approprijati, jiddependi fuq il-każ, per eżempju l-medja tax-xandir, l-istampa jew pubblikazzjonijiet, viżwali ta' informazzjoni jew servizzi ta' rettikolat ta' *computers*, bħall-*internet*.

2. Dettallji forniti lill-pubbliku skond l-Artikolu 10 tad-Direttiva 96/62/KE meta tinqabeż kwalunkwe għatba għandhom jinkludu l-partiti elenkati fis-Sezzjoni II ta' l-Anness II. Stati Membri għandhom, meta Prattikabbli, ukoll jieħdu passi sabiex ifornu din l-informazzjoni meta huwa previst li tinqabeż l-għatba ta' informazzjoni jew l-għatba ta' twissija.

3. Informazzjoni fornita taħt il-paragrafi 1 u 2 għandha tkun ċara, komprensibbli u aċċessibbli.

*L-Artikolu 7***Pjanijiet ta' azzjoni għal żmien qasir**

1. Skond l-Artikolu 7(3) tad-Direttiva 96/62/KE, Stati Membri għandhom ifasslu pjanijiet ta' azzjoni, fl-livelli amministrattivi approprijati, u jindikaw miżuri speċifiċi li għandhom jittieħdu għal żmien qasir, b'kont meħud ta' ċirkostanzi lokali partikolari, għaż-żoni fejn hemm riskju li tinqabeż l-għatba ta' twissija, jekk hemm potenzjal sinifikanti biex jitnaqqas dak ir-riskju jew biex jitnaqqas id-dewmien jew is-severità ta' kwalunkwe żejjed fl-għatba ta' twissija. Meta jinstab li ma hemm ebda potenzjal sinifikanti biex jitnaqqas dak ir-riskju, id-dewmien jew is-severità ta' kwalunkwe żejjed fiż-żoni rilevanti, Stati Membri għandhom jiġu eżentati mid-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 7(3) tad-Direttiva 96/62/KE. Huwa għall-Istati Membri li jidentifikaw jekk hemmx potenzjal sinifikanti biex jitnaqqas ir-riskju id-dewmien jew is-severità ta' kwalunkwe żejjed, b'kont meħud tal-kondizzjonijiet nazzjonali ġeografiċi, meteoroloġiċi u ekonomiċi.

2. Id-disinn ta' pjanijiet ta' azzjoni għal żmien qasir, inklużi livelli ta' stimulu għal azzjonijiet speċifiċi, huwa r-responsabbiltà ta' Stati Membri. Skond il-każ individwali, il-pjanijiet jistgħu jipprovdu għal miżuri gradwati li jkopru l-ispejjeż għall-kontroll u, meta neċessarju, jnaqqsu jew jissospendu ċerti attivitajiet, inkluż it-traffiku ta' vetturi bil-mutur, li jikkontribwixxu għal emissjonijiet li jirriżultaw f'li tinqabeż l-għatba ta' twissija. Dawn jistgħu ukoll jinkludu miżuri effettivi fir-rigward ta' l-użu ta' impjanti jew prodotti industrijali.

3. Waqt l-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' pjanijiet ta' azzjoni għal żmien qasir, Stati Membri għandhom jikkunsidraw eżempji ta' miżuri (li

▼B

l-effettività tagħhom tkun għet stmata), li għandhom jiġu inklużi fil-għawda msemmija fl-Artikolu 12.

4. Stati Membri għandhom jagħmlu disponibbli lill-pubbliku u lil organizzazzjonijiet approprijati bħal organizzazzjonijiet ambjentali, organizzazzjonijiet tal-konsumatur, organizzazzjonijiet li jirrappreżentaw l-interessi ta' gruppi ta' populazzjonijiet sensittivi u korpi rilevanti oħra tal-kura tas-saħħa kemm ir-riżultati ta' l-investigazzjonijiet tagħhom kif ukoll il-kontenut ta' pjanijiet ta' azzjoni speċifiċi għal żmien qasir kif ukoll informazzjoni dwar l-implimentazzjoni ta' dawn il-pjanijiet.

*L-Artikolu 8***Tniġġiż transkonfinali**

1. Meta konċentrazzjonijiet ta' l-ożonu li jeċċedu valuri irraġjonabbli jew miri għal żmien twil huma l-iktar dovuti għal emissjonijiet prekursori fi Stati Membri oħra, l-Istati Membri kkonċernati għandhom jikkooperaw, meta approprijat, fit-tfassil ta' pjanijiet u programme konġunti sabiex jissodisfaw il-valuri mira jew il-miri għal żmien twil, ħliet meta ma jistgħux jintlaħqu permezz ta' miżuri proporzjonati. Il-Kummissjoni għandha tassisti f'dawk l-isforzi. Fit-tweġtieq ta' l-obbligi tagħha taħt l-Artikolu 11, il-Kummissjoni għandha tikkunsidra, b'kont meħud tad-Direttiva 2001/81/KE, b'mod partikolari l-Artikolu 9 tagħha, jekk għandhiex tittieħed azzjoni ulterjuri flivell Komunitarju sabiex jitnaqqsu emissjonijiet prekursori responsabbli għal dan it-tniġġiż transkonfinali ta' l-ożonu.

2. Stati Membri għandhom, jekk approprijat skond l-Artikolu 7, jippreparaw u jimplementaw pjanijiet konġunti ta' azzjoni għal żmien qasir li jkopru żoni fil-viċin fi Stati Membri differenti. Stati Membri għandhom jassiguraw li żoni ġirien fi Stati Membri differenti li żviluppaw pjanijiet ta' azzjoni għal żmien qasir, jirċievu l-informazzjoni kollha approprijata.

3. Meta jkun hemm żejjed fl-għatba ta' informazzjoni jew fl-għatba ta' twissija f'żoni qrib fruntieri nazzjonali, għandha tiġi pprovduta informazzjoni malajr kemm jista' jkun lill-awtoritajiet kompetenti f-Istati Membri ġirien ikkonċernati sabiex tiġi ffaċilitata dispożizzjoni ta' informazzjoni lill-pubbliku f'dawk l-Istati.

4. Fit-tfassil tal-pjanijiet u tal-programmi msemmija fil-paragrafu 1 u 2 fl-informazzjoni lill-pubbliku kif imsemmi fil-paragrafu 3, Stati Membri għandhom, meta approprijat, isegwu kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi, b' emfasi partikolari fuq pajjiżi kandidati għall-adeżjoni.

*Artikolu 9***Stima ta' konċentrazzjonijiet ta' l-ożonu u sustanzi prekursori f'arja ambjentali**

1. F'żoni u agglomerazzjonijiet fejn, tul kwalunkwe mill-ħames snin preċedenti ta' kejl, konċentrazzjonijiet ta' l-ożonu qabżu mira għal żmien twil, kejl fiss kontinwu huwa mandatorju.

Meta hija disponibbli inqas minn *data* ta' ħames snin, Stati Membri jistgħu, sabiex jiġi determinat iż-żejjed, jikkombinaw kampanji ta' kejl ta' żmien qasir f'ħinijiet u f' postijiet li x'aktarx huma tipiċi ta' l-ogħla livelli ta' tniġġiż b' riżultati ottenuti minn inventarji ta' emissjoni u mmudellar.

L-Anness IV jistabilixxi kriterji għad-determinazzjoni tal-post ta' punti biex jittieħdu l-kampjuni għall-kejl ta' l-ożonu.

Is-Sezzjoni I ta' l-Anness V tistabilixxi numru minimu ta' punti fissi biex jittieħdu l-kampjuni għal kejl kontinwu ta' l-ożonu f' kull żona jew agglomerazzjoni li fiha l-kejl huwa l-uniku fonti ta' informazzjoni għall-istima tal-kwalità ta' l-arja.

▼B

Kejl ta' dijossidu tan-nitroġenu għandu wkoll isir f' minimu ta' 50 % tal-punti ta' l-ożonu fejn jittieħdu l-kampjuni meħtieġa mis-Sezzjoni I ta' l-Anness V. Il-Kejl ta' dijossidu tan-nitroġenu għandu jkun kontinwu, ħlief fi stazzjonijiet ta' sfond rurali, kif definit fis-sezzjoni I ta' l-Anness IV, fejn jistgħu jintużaw metodi oħra ta' kejl.

Għal żoni u agglomerazzjonijiet li fihom l-informazzjoni minn punti biex jittieħdu l-kampjuni għal kejl fiss hija ssupplimentata b' informazzjoni minn immudellar u/jew kejl indikattiv, in-numru totali ta' punti biex jittieħdu l-kampjuni speċifikat fis-Sezzjoni I ta' l-Anness V jista' jtnaqas, sakemm:

- (a) il-metodi supplimentari jipprovdu livell adegwat ta' informazzjoni għall-istima ta' kwalità ta' arja fir-rigward ta' valuri mira, informazzjoni u eġtiebi ta' twissija;
- (b) in-numru ta' punti għat-teħid ta' kampjuni li għandhom jiġu installati u r-riżoluzzjoni spazjali ta' tekniċi oħra huma suffiċjenti għall-konċentrazzjoni ta' ożonu li għandha tiġi stabbilita skond il-miri ta' kwalità tad-*data* speċifikati fis-Sezzjoni I ta' l-Anness VII u jwasslu għal riżultati ta' stima' kif speċifikat fis-Sezzjoni II ta' l-Anness VII;
- (c) in-numru ta' punti biex jittieħdu l-kampjuni f' kull żona jew agglomerazzjoni jammonta għal mill-inqas punt wieħed ta' teħid ta' kampjuni għal kull żewġ miljun abitant jew punt wieħed ta' teħid ta' kampjuni għal kull 50 000 km², ikun liema jkun li jipproduċi l-ikbar numru ta' punti għat-teħid ta' kampjuni;
- (d) kull żona jew agglomerazzjoni tikkontjeni mill-inqas punt wieħed għat-teħid ta' kampjuni, u
- (e) d-dijossidu tan-nitroġenu huwa mkejjel fil-punti ta' kampjuni kollha li jibqgħu ħlief fi stazzjonijiet ta' sfond rurali.

F'dan il-każ, ir-riżultati ta' l-immudellar u/jew kejl indikattiv għandu jittieħed kont tagħhom għall-istima ta' kwalità ta' l-arja fir-rigward tal-valuri mira.

2. F'żoni u agglomerazzjonijiet fejn, tul kull waħda mill-ħames snin preċedenti ta' kejl, il-konċentrazzjonijiet huma taħt il-miri għal żmien twil, in-numru ta' stazzjonijiet ta' kejl kontinwu għandu jiġi determinat skond is-Sezzjoni II ta' l-Anness V.

3. Kull Stat Membru għandu jassigura li mill-inqas stazzjoni wieħed ta' kejl għall-fornitura ta' *data* dwar konċentrazzjonijiet tas-sustanzi prekursori ta' l-ożonu elenkati fl-Anness VI huwa installat u operat fit-territorju tiegħu. Kull Stat Membru għandu jagħżel in-numru u l-post ta' l-istazzjonijiet li fihom sustanzi prekursori ta' l-ożonu għandhom jitkejju, b'kont meħud tal-miri, tal-metodi u tar-rakkomandazzjonijiet stabbiliti fl-Anness imsemmi.

Bħala parti mill-gwida żviluppata taħt l-Artikolu 12, linji gwida għal strateġija approprijata għall-kejl ta' sustanzi prekursori ta' l-ożonu għandhom jiġu żviluppatti, b'kont meħud ta' ħtiġiet eżistenti fil-leġislazzjoni Komunitarja u l-programm kooperattiv għal monitoraġġ u l-valutazzjoni tat-trasmissjoni ta' firxa twila ta' pollutanti ta' l-arja fl-Ewropa (EMEP).

4. Metodi ta' referenza għall-analiżi ta' l-ożonu huma stabbiliti fis-Sezzjoni I ta' l-Anness VIII. Is-Sezzjoni II ta' l-Anness VIII tipprovdi għal tekniċi ta' mmudellar ta' referenza għall-ożonu.

▼M1



L-Artikolu 10

Trasmissjoni ta' informazzjoni u rapport

1. Meta jgħaddu informazzjoni lill-Kummissjoni taħt l-Artikolu 11 tad-Direttiva 96/62/KE, Stati Membri għandhom ukoll, u għall-ewwel darba, għas-sena kalendarja ta' wara d-data msemmija fl-Artikolu 15(1):
 - (a) jibagħtu lill-Kummissjoni għal kull sena kalendarja sa mhux iktar tard mit-30 ta' Settembru tas-sena ta' wara l-listi ta' żoni u agglomerazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 3(2), l-Artikolu 4(2) u l-Artikolu 5;
 - (b) jibagħtu lill-Kummissjoni rapport li jagħti reviżjoni tas-sitwazzjoni fir-rigward taż-żejjed tal-valuri mira kif stabbilit fis-sezzjoni II ta' l-Anness I. Dan ir-rapport għandu jipprovdi spjegazzjoni taż-żejjed annwali tal-valur mira għall-protezzjoni tas-saħħa umana, Ir-rapport għandu wkoll jikkontjeni pjanijiet u programmi msemmija fl-Artikolu 3(3). Ir-rapport m'għandux jintbghat iktar tard minn sentejn wara l-aħħar tal-perjodu li tulu ż-żejjed tal-valuri mira għall-ożonu kienu osservati;
 - (ċ) jinfurmaw lill-Kummissjoni kull tlett snin bil-progress ta' kwalunkwe pjan jew programm ta' dan it-tip.
2. Barra minn hekk, Stati Membri għandhom, għall-ewwel darba, għas-sena kalendarja wara d-data msemmija fl-Artikolu 15(1):
 - (a) għal kull xahar minn April sa Settembru kull sena, jibagħtu lill-Kummissjoni fuq bażi provviżorja,
 - (i) sa mhux iktar tard mix-xahar ta' wara, għal kull ġurnata b' żejjed fl-informazzjoni u/jew l-għatba ta' twissija, l-informazzjoni li ġejja: id-data, is-sigħat totali ta' eċċess, il-valur(i) massimu(i) ta' siegħa ta' l-ożonu;
 - (ii) sa mhux iktar tard mill-31 ta' Ottubru kull sena, kwalunkwe informazzjoni oħra speċifikata fl-Anness III;
 - (b) għal kull sena kalendarja sa mhux iktar tard mit-30 ta' Settembru tas-sena ta' wara, jibagħtu lill-Kummissjoni l-informazzjoni validate speċifikata fl-Anness III u l-konċentrazzjonijiet medji annwali għal dik is-sena tas-sustanzi prekursori ta' l-ożonu speċifikati fl-Anness VI;
 - (ċ) jibagħtu lill-Kummissjoni kull tlett snin, fil-kwadru tar-rapport settorali msemmi fl-Artikolu 4 tad-Direttiva tal-Kunsill 91/692/KEE ⁽¹⁾, u sa mhux iktar tard mit-30 ta' Settembru wara l-aħħar ta' kull perjodu ta' tlett snin:
 - (i) informazzjoni li tirrevedi l-livelli ta' l-ożonu osservati jew stmati, kif approprijat, fiż-żoni u l-agglomerazzjonijiet imsemmija fl-Artikoli 3(2), fl-Artikolu 4(2) u fl-Artikolu 5;
 - (ii) informazzjoni dwar kwalunkwe miżuri meħuda jew ippjanati taħt l-Artikolu 4(2), u
 - (iii) informazzjoni li tirrigwarda deċiżjonijiet dwar pjanijiet ta' azzjoni għal żmien qasir u li tikkonċerna d-disinn u l-kontenut, u stima ta' l-effetti, ta' kwalunkwe minn dawn il-pjanijiet ippreparati skond l-Artikolu 7.
3. Il-Kummissjoni għandha:
 - (a) tassigura li l-informazzjoni sottomessa skond il-paragrafu 2(a) hija mill-ewwel magħmula disponibbli b' mezzi approprijati u hija trasmessa lill-Aġenzija Ambjentali Ewropea;
 - (b) tippubblika annwalment lista taż-żoni u l-agglomerazzjonijiet sottomessi skond il-paragrafu 1(a) u, sat-30 ta' Novembru kull sena, rapport dwar is-sitwazzjoni ta' l-ożonu tul is-sajf kurrenti u s-sena

⁽¹⁾ ĠU L 377, tal-31.12.1991, p. 48.

▼B

- kalendarja preċedenti, li jimmira li jipprovdi sinopsi, f' format para-
gounabbli, tas-sitwazzjoni ta' kull Stat Membru, b'kont meħud tal-
kondizzjonijiet meteoroloġiċi differenti u tat-tniġġiż transkonfinali,
u sinopsi taż-żejjed kollu tal-mira għal żmien twil fl-Istati Membri;
- (ċ) tikkontrolla regolarment l-implimentazzjoni tal-pjanijiet jew tal-
programmi sottomessi skond il-paragrafu 1(b) billi tikkontrolla l-
progress tagħhom u x-xejriet fi tniġġiż ta' l-ajru, b'kont meħud tal-
kondizzjonijiet meteoroloġiċi u ta' l-orijini tal-prekursuri ta' l-ożonu
(bijoġeniċi jew antropoġeniċi);
- (d) b'kont meħud ta' l-informazzjoni prevista taħt il-paragrafi 1 u 2 fil-
preparazzjoni ta' rapporti ta' tlett snin dwar il-kwalità ta' arja
ambjentali skond l-Artikolu 11(2) tad-Direttiva 96/62/KE;
- (e) tirranġa skambju approprijat ta' informazzjoni u esperjenza mgħod-
dija skond il-paragrafu 2(ċ)(iii) fir-rigward tad-disinn u l-implimen-
tazzjoni ta' pjanijiet ta' azzjon għal żmien qasir.
4. Fit-twertieq tal-kompiti msemmija fil-paragrafu 3, il-Kummissjoni
għandha kif neċessarju, tuża l-esperjenza disponibbli fl-Aġenzija
Ambjentali Ewropea.
5. Id-data li sa meta tasal l-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-
Kummissjoni bil-metodi wżati għall-istima preliminari tal-kwalità ta' l-
arja taħt l-Artikolu 11(1)(d) tad-Direttiva 96/62/KE m'għandhiex tkun
iktar tard mid-9 ta' Settembru 2003.

*Artikolu 11***Ir-Reviżjoni u r-rappurtaġġ**

1. Il-Kummissjoni għandha tissottometti lill-Parlament Ewropew u
lill-Kunsill sal-31 ta' Diċembru 2004, fl-iktar tard, rapport ibbażat fuq
esperjenza ta' l-applikazzjoni ta' din id-Direttiva. Għandha tirrapporta,
b'mod partikolari, dwar:
- (a) ir-riżultati tar-riċerka xjentifika l-iktar riċenti, fid-dawl tal-Linji
gwiċja ta' l-Organizzazzjoni tas-Saħħa Dinjija, fl-effetti ta' espożizz-
joni għall-ożonu fuq l-ambjent u fuq is-saħħa umana, b'kont meħud
speċifikament tal-gruppi ta' populazzjoni sensittiva; l-iżvilupp ta'
mudelli iktar eżatti għandhom ukoll jiġu kkunsidrati;
- (b) żviluppi teknoloġiċi, inkluż il-progress ottenut f'metodi ta' kejl u
xort' oħra l-istima ta' konċentrazzjonijiet u l-evoluzzjoni ta' konċen-
trazzjonijiet ta' l-ożonu fl-Ewropa;
- (ċ) il-paragun ta' previżjonijiet mudelli bil-kejl attwali;
- (d) l-istabbiliment ta', u livelli għal, miri għal żmien twil, għal valuri
mira, għal egħtiebi ta' informazzjoni u ta' twissija;
- (e) ir-riżultati ta' l-effetti ta' l-ożonu fuq uċuh u veġetazzjoni natural
ital-Programm Kooperativ Internazzjonali taħt il-Konvenzjoni
UN/ECE dwar it-Tniġġiż ta' l-Arja Transkonfinali f' Firxa twila.
2. Ir-rapport għandu jiġi ppreżentat bħala parti integrali ta' strateġija
tal-kwalità ta' l-ajru maħsuba għar-reviżjoni u l-proponiment ta' miri
Komunitarji dwar il-kwalità ta' l-arja u għall-iżvilupp ta' strateġiji ta'
implimentazzjoni għall-assigurazzjoni tas-sodisfazzjon ta' dawk il-miri.
F'dan il-kuntest ir-rapport għandu jieħu kont ta':
- (a) l-qasam wiesa' ta' applikazzjoni għal tnaqqis ulterjuri f'emissjonijiet
ta' tniġġiż tul il-fonti rilevanti kollha, b'kont meħud ta' l-applikabilità
teknika u tal-kopertura ta' l-ispejjeż;
- (b) relazzjonijiet bejn pollutanti, u opportunitajiet għal strateġiji kkum-
binati sabiex jissodisfaw il-kwalità ta' l-arja Komunitarja u miri
relatati;
- (ċ) il-potenzjal għal azzjoni ulterjuri li għandha tittieħed fl-ivell Komu-
nitarju sabiex jitnaqqsu emissjonijiet prekursori;

▼B

- (d) il-progress fl-implimentazzjoni ta' valuri mira fl-Anness I, inklużi il-pjanijiet u l-programmi żviluppatti u implimentati skond l-Artikoli 3 u 4, l-esperjenza fl-implimentazzjoni ta' pjanijiet ta' azzjoni għal żmien qasir taħt l-Artikolu 7 u l-kondizzjonijiet, kif stabbilit taħt l-Anness IV, li taħtom il-kejl tal-kwalità ta' l-arja twettaq;
- (e) il-potenzjal biex jiġu sodisfatti l-miti għal żmien twil, stabbiliti fis-Sezzjoni III ta' l-Anness I, fi żmien perjodu speċifikat;
- (f) ħtiġiet kurrenti u future għall-informazzjoni tal-pubbliku u għall-iskambju ta' informazzjoni bejn Stati Membri u l-Kummissjoni;
- (g) ir-relazzjoni bejn din id-Direttiva u bidliet mistennija li jirriżultaw minn miżuri li għandhom jittieħdu mill-Komunità u minn Stati Membri sabiex jissodisfaw l-impenni li jirrelataw għal bidla fil-klima;
- (h) it-trasport ta' tniġġiż tul fruntieri nazzjonali b'kont meħud ta' miżuri meħuda f'pajjiżi kandidati ta' adeżjoni.

3. Ir-rapport għandu jinkludi wkoll reviżjoni tad-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva fid-dawl tar-riżultati tagħha u għandu jkollu miegħu, jekk appropjat, proposti għall emenda għal din id-Direttiva, b'attenzjoni speċjali mogħtija lill-effetti ta' l-ożonu fuq l-ambjent u fuq is-saħħa umana, b' referenza partikolari għal gruppi ta' popolazzjoni sensitiva.

*L-Artikolu 12***Gwida**

1. Il-Kummissjoni għandha tiżviluppa gwida għall-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva sad-9 ta' Settembru 2002. B'hekk, tuża l-esperjenza disponibbli fl-Istati Membri, fl-Aġenzija Ambjentali Ewropea u f'korpi oħra ta' esperjenza, kif appropjat u b'kont meħud tal-ħtiġiet eżistenti fil-leġislazzjoni Komunitarja u fl-EMEP.

2. Il-gwida għandha tiġi adottata skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 13(2). Din il-gwida m'għandux ikollha l-effett ta' modifika tal-valuri mira, ta' miri għal żmien twil, ta' l-għatba ta' twissija jew ta' l-għatba ta' informazzjoni kemm direttament jew indirettament.

*L-Artikolu 13***Il-proċedura tal-Kumitat**

1. Il-Kummissjoni għandha tiġi assistita mill-kumitat stabbilit bl-Artikolu 12(2) tad-Direttiva 96/62/KE.

2. Meta ssir referenza għal dan il-paragrafu, l-Artikoli 5 u 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE għandhom japplikaw, b'qies għad-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 8 tagħha.

Il-perjodu stabbilit fl-Artikolu 5(6) tad-Deċiżjoni 1999/468/KE għandu jkun ta' tlett xhur.

3. Il-kumitat għandu jadotta r-regoli tiegħu ta' proċedura.

*L-Artikolu 14***Penalitajiet**

Stati Membri għandhom jiddeterminaw il-penalitajiet applikabbli għal ksur tad-dispożizzjonijiet nazzjonali adottati skond din id-Direttiva. Il-penalitajiet għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u dissważivi.

*L-Artikolu 15***Transpożizzjoni**

1. Stati Membri għandhom iġibu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi neċessarji sabiex jikkonformaw ma' din id-Direttiva sad-9 ta' Settembru 2003. Għandhom minnufih jinfurmaw lill-Kummissjoni bihom.

Meta Stati Membri jadottaw dawk il-miżuri, għandu jkollhom referenza għal din id-Direttiva jew ikollhom magħhom din ir-referenza fl-okkażjoni tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. Stati Membri għandhom jideterminaw kif għandha ssir din ir-referenza.

2. Stati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet ewlenija tal-liġi nazzjonali, li huma jadottaw fil-qasam kopert b'din id-Direttiva.

*L-Artikolu 16***Tħassir**

Id-Direttiva 92/72/KEE għandha titħassar mid-9 ta' Settembru 2003.

*L-Artikolu 17***Id-Dħul fis-seħħ**

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tagħha fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

*L-Artikolu 18***Id-Destinarji**

Din id-Direttiva għandha bħala d-destinatarji tagħha lill-Istati Membri.



L-ANNEX I

DEFINIZZJONIJIET, VALURI MIRA U MIRI GĦAL ŻMIEN TWIL GĦALL-OŻONU

I. Definizzjonijiet

Il-valuri kollha għandhom jiġu espresso f' $\mu\text{g}/\text{m}^3$. Il-volum għandu jiġi standardizzat bil-kondizzjonijiet li ġejjin ta' temperature u pressjoni: 293 K u 101,3 kPa. Il-ħin għandu jiġi speċifikat f' Ħin Ċentrali Ewropew.

AOT40 (espress f' $\mu\text{g}/\text{m}^3$). siegħa) ifisser is-somma tad-differenza bejn konċentrazzjonijiet fis-siegħa akbar minn $80 \mu\text{g}/\text{m}^3$ (= 40 parti għal kull biljun) u $80 \mu\text{g}/\text{m}^3$ tul perjodu partikolari bl-użu biss tal-valuri ta' siegħa mkejla bejn it-8:00 u 20:00. Ħin Ċentrali Ewropew kuljum ⁽¹⁾.

Sabiex tkun valida, id-*data* annwali dwar iż-żejjed użat għall-kontroll ta' konformità mal-valuri mira u mal-miri għal żmien twil hawn taħt għandhom jissodisfaw il-kriterji stabbiliti fis-Sezzjoni II ta' l-Anness III.

II. Valuri mira għall-ożonu

	Parametru	Valur mira għall-2010 ^(a) ⁽¹⁾
1. Valur mira għall-protezzjoni tas-saħħa umana	Medja massima kuljum għal 8 sigħat ^(b)	$120 \mu\text{g}/\text{m}^3$ li m'għandhomx jinqabżu f'fiktur minn 25 jum għal kull sena kalendarja ta' medja tul tlett snin ^(c)
2. Valur mira għall-protezzjoni tal-veġetazzjoni	AOT40, ikkalkolat minn valuri ta' siegħa minn Mejju sa Lulju	$18\,000 \mu\text{g}/\text{m}^3$.siegħa ta' medja tul ħames snin ^(c)

⁽¹⁾ Dawn il-valuri mira u 3-żejjed permess huma stabbiliti mingħajr preġudizzju għar-riżultati ta' l-istudji tar-reviżjoni, previsti fl-Artikolu 11, li jieħdu kont tas-sitwazzjonijiet ġeografiċi u klimatiċi differenti fil-Komunità Ewropea.

^(a) Konformità ma' valuri mira tiġi stmata skond dan il-valur. Jiġifieri, l-2010 tkun l-ewwel sena li għaliha tintuża *data* għall-kalkolu ta' konformità tul it-tliet jew il-ħames snin ta' wara, kif approprijat.

^(b) Il-konċentrazzjoni massima medja ta' kuljum ta' 8 sigħat għandha tintagħżel bil-kontroll ta' medji ta' tmien sigħat, ikkalkolati minn *data* fis-siegħa u aġġornata kull siegħa. Kull medja ta' 8 sigħat hekk ikkalkolata għandha tiġi assenjata għall-jum li fih tispiċċa, jiġifieri l-ewwel perjodu ta' kalkolu għal kwalunkwe jum wieħed ikun il-perjodu mill-17:00 fil-jum preċedenti sas-01:00 f'dak il-jum; l-aħħar perjodu ta' kalkolu għal kwalunkwe jum wieħed ikun il-perjodu mill-16:00 sa 24:00 ta' dak il-jum.

^(c) Jekk il-medji ta' tlieta jew ħames snin ma jistgħux jiġu determinati abbażi ta' sett komplet u konsekuttiv ta' *data* annwali, id-*data* annwali minima meħtieġa għal kontroll ta' konformità mal-valuri mira tkun kif ġej:

- għall-valur mira għall-protezzjoni tas-saħħa umana: *data* valida għal sena,
- għall-valur mira għall-protezzjoni ta' veġetazzjoni: *data* valida għal tlett snin.

III. Miri għal żmien twil għall-ożonu

	Parametru	Mira għal żmien twil ^(a)
1. Mira għal żmien twil għall-protezzjoni tas-saħħa umana	Medja massima ta' 8 sigħat f'sena kalendarja	$120 \mu\text{g}/\text{m}^3$
2. Mira għal żmien twil għall-protezzjoni ta' veġetazzjoni	AOT40, ikkalkolat minn valuri ta' siegħa minn Mejju sa Lulju	$6\,000 \mu\text{g}/\text{m}^3$.siegħa

^(a) Progress Komunitarju lejn li tintlaħaq il-mira għal żmien twil bl-użu tas-sena 2020 bħala referenza għandu jiġi rivedut bħala parti mill-proċess stabbilit fl-Artikolu 11.

⁽¹⁾ Jew il-ħin approprijat għal reġjuni ultra periferali.



L-ANNEX II

INFORMAZZJONI U EGĦTIEBI TA' TWISSIJA

I. Informazzjoni u egħtiebi ta' twissija għall-ożonu

	Parametru	Mira għal żmien twil
1. Mira għal żmien twil għall-protezzjoni tas-saħħa umana	Medja massima ta' 8 sigħat kuljum f' sena kalendarja	120 $\mu\text{g}/\text{m}^3$
2. Mira għal żmien twil għall-protezzjoni ta' veġetazzjoni	AOT40, ikkalkolat minn valuri ta' siegħa minn Mejju sa Lulju ^(a)	6 000 $\mu\text{g}/\text{m}^3\cdot\text{h}$

(^a) Progress Komunitarju lejn li tintlaħaq il-mira għal żmien twil bl-użu tas-sena 2020 bħala referenza għandu jiġi rivedut bħala parti mill-proċess stabbilit fl-Artikolu 11.

II. Dettallji minimi li għandhom jiġu forniti lill-pubbliku meta l-għatba ta' informazzjoni jew ta' twissija tinqabeż jew ikun previst xi żejjed

Dettallji li għandhom jiġu forniti lill-pubbliku fuq skala kbira biżżejjed malajr kemm jista' jkun għandhom jinkludu:

1. informazzjoni fuq żejjed osservat:
 - il-post jew iż-żona taż-żejjed,
 - it-tip ta' għatba maqbuża (informazzjoni jew twissija),
 - il-ħin tal-bidu u t-tul taż-żejjed,
 - l-oġġla konċentrazzjoni medja ta' siegħa u ta' tmien sigħat;
2. tbassir għal wara nofs in-nhar/il-jiem ta' wara:
 - żona ġeografika taż-żejjed mistenni ta' l-għatba ta' informazzjoni u/jew twissija,
 - bidla mistennija fit-tniġġiż (titjib, stabilizzazzjoni jew deterjorazzjoni);
3. informazzjoni dwar it-tip ta' popolazzjoni kkonċernata, effetti possibbli tas-saħħa u kondotta rakkomandata:
 - informazzjoni dwar gruppi ta' popolazzjoni friskju,
 - deskrizzjoni ta' sintomi probabbli,
 - prekawzjonijiet rakkomandati li għandhom jittieħdu mill-popolazzjoni kkonċernata,
 - fejn tinstab informazzjoni ulterjuri;
4. informazzjoni dwar azzjoni preventive għat-tnaqqis ta' tniġġiż u/jew espożizzjoni għalih:
 - indikazzjoni ta' setturi ta' fonti ewlenija; rakkomandazzjonijiet għal azzjoni għat-tnaqqis ta' emissjonijiet.



L-ANNEX III

INFORMAZZJONI SOTTOMESSA MINN STATI MEMBRI LILL-KUMMISSJONI U L-KRITERJI GĦALL-AGGREGAZJONI TA' DATA U GĦALL-KALKOLU TA' PARAMETRIC STATISTIĊI

I. Informazzjoni li għandha tiġi sottomessa lill-Kummissjoni

It-tabell li ġejja tistipula t-tip u l-ammont ta' *data* li Stati Membri għandhom jissottomettu lill-Kummissjoni:

	Tip ta' stazzjon	Livell	Ħin medju/ta' akkumulazzjoni	Data provviżorja għal kull xahar minn April sa Settembru	Rapport għal kull sena
Għatba ta' informazzjoni	Kwalunkwe	180 µg/m ³	1siegħa	— għal kuljum biż-żejjed: data, sigħat totali ta' żejjed, ożonu massimu ta' siegħa u valuri relatati NO ₂ meta meħtieġa, — ożonu massimu fix-xahar ta' siegħa	— għal kuljum biż-żejjed: id-data, sigħat totali ta' żejjed, ożonu massimu ta' siegħa u valuri relatati NO ₂ , meta meħtieġ
Għatba ta' twissija	Kwalunkwe	240 µg/m ³	1 siegħa	— għal kuljum biż-żejjed: data, sigħat totali ta' żejjed, ożonu massimu ta' siegħa u valuri relatati NO ₂ meta meħtieġa	— għal kuljum biż-żejjed: data, sigħat totali ta' żejjed, ożonu massimu ta' siegħa u valuri relatati NO ₂ meta meħtieġa
Protezzjoni għas-saħħa	Kwalunkwe	120 µg/m ³	8 sigħat	— jew kuljum biż-żejjed: data, 8 sigħat massimu ^(b)	— għal kuljum biż-żejjed: data, 8 sigħat massimu ^(b) Protezzjoni tal-veġetazzjoni
Protezzjoni tal-veġetazzjoni	Suburban, rurali, sfond rurali	AOT40 ^(a) = 6 000 µg/m ³ . siegħa	1 siegħa, akkumulata minn Mejju sa Lulju	Protezzjoni tal-foresti	Valur
Protezzjoni tal-foresti	Suburban, rurali, sfond rurali	AOT40 ^(a) = 20 000 µg/m ³ . siegħa	1 siegħa, akkumulata minn April sa Settembru	Valur	Materjali
Materjali	Kwalunkwe	40 µg/m ³ ^(c)	1 sena	—	Valur

^(a) Ara definizzjoni ta' AOT40 fis-Sezzjoni I ta' l-Anness I.

^(b) Medja massima kuljum ta' 8 sigħat (ara s-sezzjoni II tan-nota (a) ta' l-Anness I).

^(c) Valur li għandu jiġi rivedut, skond l-Artikolu 11(3), fid-dawl tat-tagħrif xjentifiku żviluppanti.

Bħala parti mir-rappurtaġġ fis-sena, dan li ġej ukoll għandu jiġi pprovdut, jekk id-*data* kollha disponibbli fis-siegħa għall-ożonu, għad-dijossidu tan-nitroġenu u għall-ossidi tan-nitroġenu tas-sena n kwistjoni ma jkunux diġà ġew ikkunsinnati taħt il-kwadru tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 97/101/KE ⁽¹⁾:

— għall-ożonu, għad-dijossidu tan-nitroġenu, għall-ossidi tan-nitroġenu u għas-somma ta' l-ożonu u tad-dijossidu tan-nitroġenu (magħduda bħala partijiet għal kull biljun u espresso f' µg/m³ ożonu) il-massimutad-99,9, tat-98, 50 perċentwali u l-medja annwali u n-numru ta' *data* valida minn serje fis-siegħa,

⁽¹⁾ ĠU L 35, tal-5.2.1997, p. 14.

▼B

— il-massimu tat-98th, tal-50 perċentwali u tal-medja annwali minn serje ta' maxima ta' ożonu kuljum ta' 8 sigħat.

Data sottomessa f' rapporti fix-xahar hija kkunsidrata provviżorja u għandha tiġi aġġornata, jekk neċessarju, f' sottomissjonijiet sussegwenti.

II. Kriterji għall-aggregazzjoni tad-*data* u għall-kalkolu ta' parametric statistiċi

Perċentwali għandhom jiġu kkalkolati bl-użu tal-metodu speċifikat fid-Deċiżjoni tal-Kunsill 97/101/KE.

Il-kriterji li ġejjin għandhom jintużaw għall-kontroll tal-validità fl-aggregazzjoni tad-*data* u fil-kalkolu ta' parametric statistiċi:

Parametru	Proporzjon meħtieġ ta' <i>data</i> valida
Valuri ta' siegħa	75 % (jiġifieri 45 minuta)
Valuri ta' tmien sigħat	75 % tal-valuri (jiġifieri 6 sigħat)
Medja massima kuljum ta' 8 sigħat minn medji operattivi fis-siegħa ta' 8 sigħat	75 % tal-medji operattivi ta' 8 sigħat fis-siegħa (jiġifieri 18-il medja ta' 8 sigħat kuljum)
AOT40	90 % tal-valuri ta' siegħa tul perjodu definit għall-kalkolu tal-valur AOT40 ^(e)
Medja annwali	75 % tal-valuri fis-siegħa tul l-istaġuni tas-sajf (April sa Settembru) u tax-xitwa (Jannar sa Marzu, Ottubru sa Diċembru) separatament
Numru ta' eċċedenzi u valuri massimi fix-xahar	90 % tal-valuri medji massimi ta' 8 sigħat kuljum (27 valuri ta' kuljum disponibbli fix-xahar) 90 % tal-valuri ta' siegħa bejn it-8:00 u t-20:00 Ħin Ċentrali Ewropew
Numru ta' eċċedenzi u valuri massimi fis-sena	Ħamsa minn sitt xhur tul l-istaġun tas-sajf (April sa Settembru)

(e) F' każijiet meta *d-data* mkejla kollha possibbli mhijiex disponibbli, il-fattur li ġej għandu jintuża għal valuri kkalkolati AOT40:

$$\text{AOT40 (stima)} = \text{AOT40}_{\text{mkejja}} \times \frac{\text{in-numru totali possibbli ta' sigħat (*)}}{\text{numru ta' valuri mkejja fis-siegħa}}$$

(*) li jkunu n-numru ta' sigħat f'perjodu ta' definizzjoni AOT40, (jiġifieri mit-08:00 sat-20:00 h CET mill-1 ta' Mejju sal-31 ta' Lulju kull sena, għall-protezzjoni tal-veġetazzjoni u mill- 1 ta' April sat-30 ta' Settembru kull sena għall-protezzjoni tal-foresti).



L-ANNESS IV

**KRITERJI GĦALL-KLASSIFIKA U L-ALLOKAZZJONI TA' PUNTI
BIEX JITTIEĦDU L-KAMPJUNI GĦAL STIMI TA' KONĊENTRAZZJO-
NIJET TA' L-OŻONU**

Il-konsiderazzjonijiet li ġejjin japplikaw għal miżuri fissi:

I. Allokazzjoni Makroskala

Tip ta' stazzjon	Miri ta' kejl	Rappreżentattività ^(a)	Kriterji ta' l-alkokazzjoni Makroskala
Urbani	II-Protezzjoni tas-saħħa umana: Għall-istima ta' l-espożizzjoni tal-populazzjoni urbana għall-ożonu, jiġifieri meta d-densità tal-populazzjoni u l-konċentrazzjoni ta' l-ożonu huma relattivament għolja u rappreżentattivi ta' l-espożizzjoni tal-populazzjoni in ġenerali	Ftit km ²	Il-Bogħod mill-influenza ta' emissjonijiet lokali bħat-traffiku, stazzjonijiet tal-petrol, eċċ; Postijiet b' ventijiet fejn livelli mħallta sewwa jistgħu jitkejju; Postijiet bħal żoni residenzjali u kummerċjali ta' bliet, ġonna (l bogħod mis-siġar), toroq kbar jew pjazez bi ftit traffiku jew b'ebda traffiku, żoni miftuħa karatteristiċi ta' faċilitajiet edukazzjonali, sportive jew ta' rikreazzjoni
Suburbani	II-Protezzjoni tas-saħħa umana u tal-veġetazzjoni: għall-istima ta' l-espożizzjoni tal-populazzjoni u tal-veġetazzjoni li tinstab fuq barra ta' l-agglomerazzjoni, fejn ikun hemm l-ogħla livelli ta' l-ożonu, li għalihom il-populazzjoni u l-veġetazzjoni x'aktarx li jiġu direttament jew indirettament esposti,	Xi egħxieren ta' km ²	F'ċerta distanza miż-żona ta' emissjonijiet massimi, "l isfel fir-rotta tad-direzzjoni/direzzjonijiet tar-riħ ewlieni waqt kondizzjonijiet favorevoli għall-formazzjoni ta' l-ożonu;" Meta l-populazzjoni, uċuh sensitivi jew ekosistemi naturali li jinstabu fiż-żona ta' barra ta' agglomerazzjoni huma esposti għal livelli għolja ta' l-ożonu; Meta approprijat, xi stazzjonijiet suburbani wkoll "il fuq miż-żona ta' emissjonijiet massimi, sabiex jiġu determinati l-livelli ta' ożonu ta' sfond reġjonali"
Rurali	II-Protezzjoni tas-saħħa umana u tal-veġetazzjoni: għall-istima ta' espożizzjoni ta' populazzjoni, uċuh u ekosistemi naturali għal konċentrazzjonijiet ta' l-ożonu ta' skala subreġjonali	Livelli subreġjonali (fit km ²)	L-Istazzjonijiet jistgħu jiġu allokati f' <i>settlements</i> u/jew żoni b'ekosistemi naturali, foresti jew uċuh; Rappreżentattiv għall-ożonu 'l bogħod mill-influenza ta' emissjonijiet lokali immedjati bħal installazzjonijiet industrijali u toroq; F'siti ta' żoni fil-beraħ, imma mhux fuq quċċati ogħla tal-muntanji
Sfond rurali	II-Protezzjoni ta' veġetazzjoni u tas-saħħa umana: għall-istima ta' l-espożizzjoni ta' uċuh u ekosistemi naturali għal konċentrazzjonijiet ta' l-ożonu ta' skala reġjonali kif ukoll l-espożizzjoni tal-populazzjoni	Livelli reġjonali/nazzjonali/kontinentali (1 000 sa 10 000 km ²)	Stazzjon allokat f' żoni b' densità iktar baxxa ta' populazzjoni, eż. b'ekosistemi naturali, foresti. L bogħod ħafna minn żoni urbani u industrijali u 'l bogħod minn emissjonijiet lokali; Għandhom jiġu evitati lokazzjonijiet li huma soġġetti għal formazzjoni mtejjba lokalment ta' kondizzjonijiet ta' inverżjoni viċin l-art, ukoll quċċati ta' muntanji ogħla; Siti kostali b'ċikli ta' riħ diġurnali pronunzjati ta' karattru lokali mhumieħ rakkomandati.

^(a) Il-Punti fejn jittieħdu l-kampjuni għandhom ukoll, meta possibbli, jkunu rappreżentattivi ta' lokazzjonijiet simili mhux li-
viċinanza immedjata tagħhom.

▼B

Għal stazzjonijiet rurali u ta' sfond rurali, għandha tingħata konsiderazzjoni, meta approprijat, għal koordinazzjoni mal-ħtiġiet ta' monitoraġġ tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1091/94 ⁽¹⁾ li jikkonċerna l-protezzjoni tal-foresti Komunitarji kontra tniġġiż atmosferiku.

II. Allokazzjoni Mikroskala

Il-Linji gwida li ġejjin għandhom jiġu segwiti, sa fejn prattikabbli:

1. Iċ-ċirkolazzjoni madwar is-sonda ammissa m'għandhiex tkun ristretta (libera f'arka ta' mill-inqas 270°) u għandha tkun mingħajr ostakoli li jaffettwaw iċ-ċirkolazzjoni ta' l-arja fil-viċinanza ta' l-istrument li jkun qed jieħu l-kampjuni, jiġifieri 'l bogħod minn bini, gallariji, siġar u ostakoli oħra b'iktar minn darbtejn l-għoli li l-ostakolu jisporġi fuq l-istrument li jkun qed jieħu l-kampjuni.
2. Ġeneralment, il-punt ammess biex jittieħed il-kampjun għandu jkun bejn 1.5 m (iż-żona tar-respirazzjoni) u 4 m 'l fuq mill-art. Pożizzjonijiet ogħla huma possibbli għal stazzjonijiet urbani f'xi ċirkostanzi u f'żoni b'ħafna injam.
3. Is-sonda ammissa għandha tiġi pożizzjonata 'l bogħod sewwa minn dawn il-fonti bħal fran u fjammi ta' inċinerazzjoni u iktar minn 10 m mill-eqreb triq, b' distanza li tiżdied bħala funzjoni ta' intensità tat-traffiku.
4. Il-passaġġ ta' l-ispurgar ta' l-istrument li jkun qiegħed jieħu l-kampjuni għandu jkun pożizzjonat sabiex tiġi evitat riċirkolazzjoni ta' arja ta' spurgar lejn il-passaġġ li jagħti għall-istrument.

Jista' wkoll jittieħed kont tal-fatturi li ġejjin:

1. fonti ta' interferenza;
2. sigurtà;
3. aċċess;
4. disponibilità ta' enerġija elettrika u ta' komunikazzjonijiet bit-telefon;
5. viżibilità tas-sit f' relazzjoni ma' l-ambjent ta' madwar;
6. is-sigurtà tal-pubbliku u ta' l-operaturi;
7. ix-xewqa tal-kollokazzjoni ta' punti biex jittieħdu l-kampjuni għal pollutanti differenti;
8. ħtiġiet ta' l-ippjanar.

III. Dokumentazzjoni u reviżjoni ta' l-għażla tas-sit

Proċeduri ta' l-għażla tas-sit għandhom jiġu kompletmanet dokumentati fl-istadju ta' klassifika b'mezzi bħal ritratti skond il-kumpass ta' l-ambjent madwar u mappa dettalljata. Is-Siti għandhom jiġu riveduti f' intervalli regolari b' dokumentazzjoni ripetuta sabiex jiġi assigurat li l-kriterji ta' l-għala xorta qegħdin jiġu sodisfatti.

Dan jeħtieġ monitoraġġ tajjeb u interpretazzjoni tad-*data* ta' monitoraġġ fil-kontest tal-proċessi meteoroloġiċi u fotokimiċi li jaffettwaw il-konċentrazzjonijiet ta' l-ożonu mkejla fis-sit rispettiv.

⁽¹⁾ ĠU L 125, tat-18.5.1994, p. 1.



L-ANNEX V

KRITERJI GĦAD-DETERMINAZZJONI TAN-NUMRU MINIMU TA' PUNTI BIX JITTIEĦDU L-KAMPJUNI GĦAL KEJL FISS TA' KONĊENTRAZZJONIJIET TA' L-OŻONU

- I. In-Numru minimu ta' punti biex jittieħdu l-kampjuni għal kejl kontinwu fiż-żoni tal-kwalità ta' l-arja in vista ta' konformità mal-valuri mira, ma' miri għal żmien twil u ma' eġġiebi ta' informazzjoni u ta' twissija fejn kejl kontinwu huwa l-uniku fonti ta' informazzjoni

Populazzjoni (× 1 000)	Agglomerazzjonijiet (urbani u suburbani) ^(a)	Żoni oħra (suburbani u rurali) ^(a)	Sfond rurali
< 250		1	Stazzjoni wieħed/ 50 000 km ² bħala densità medja fiż-żoni kollha f'kull pajjiż ^(b)
< 500	1	2	
< 1 000	2	2	
< 1 500	3	3	
< 2 000	3	4	
< 2 750	4	5	
< 3 750	5	6	
> 3 750	Stazzjon addizzjonali wieħed għal kull 2 miljun abitant	Stazzjon addizzjonali wieħed għal kull 2 miljun abitant	

^(a) Mill-inqas stazzjon wieħed f' arji suburbani, fejn l-ogħla espożizzjoni tal-populazzjoni x'aktarx tkun. F'agglomerazzjonijiet mill-inqas 50 % ta' l-istazzjonijiet għandhom ikunu jinstabu f'żoni suburbani.

^(b) Stazzjon wieħed għal kull 25 000 km² għal terran kumpless huwa rakkomandat.

- II. In-numru minimu ta' punti biex jittieħdu l-kampjuni għal kejl fiż-żoni u agglomerazzjonijiet li jissodisfaw il-miri għal żmien twil

In-numru ta' punti biex jittieħdu l-kampjuni għall-ożon, in kombinazzjoni ma' mezzi oħra ta' stima supplimentari bħall-immudellar tal-kwalità ta' l-arja u kejl kollokati ta' dijossidu tan-nitroġenu, għandhom ikunu suffiċjenti għall-kontroll tax-xejra tat-tniġġiż ta' l-ożonu u għall-kontroll ta' konformità mal-miri għal żmien twil. In-numru ta' stazzjonijiet allokat f' agglomerazzjonijiet u żoni oħra jista' jidher għal terz tan-numru speċifikat fis-Sezzjoni I. Meta informazzjoni minn stazzjonijiet ta' kejl fiż-żoni u l-uniku fonti ta' informazzjoni, mill-inqas stazzjon wieħed ta' monitoraġġ għandu jinżamm. Jekk, f' żoni fejn hemm stima supplimentari, ir-riżultat ta' dan huwa li żona ma għandha ebda stazzjon rimanenti, koordinazzjoni ma' numru ta' stazzjonijiet f' żoni viċini għandha tassigura stima adegwata ta' konċentrazzjonijiet ta' l-ożonu kontra miri għal żmien twil. In-numru ta' stazzjonijiet ta' sfond rurali għandu jkun 1 għal kull 100 000 km².



L-ANNESS VI

KEJL TA' SUSTANZI PREKURSURI TA' L-OŻONU

Il-Miri

Il-miri ewlenija ta' dan il-kejl huma li tiġi analizzata kwalunkwe xejra fi prekursuri ta' l-ożonu, li tiġi kkontrollata l-effiċjenza ta' strateġiji ta' tnaqqis ta' emissjoni, li tiġi kkontrollata l-konsistenza ta' inventarji ta' emissjoni u li l-fonti ta' emissjoni jiġu attribwiti għall-konċentrazzjoni ta' tniġġiż.

Mira addizzjonali hija s-sostenn tal-fehma ta' formazzjoni ta' l-ożonu u tal-proċessi prekursuri ta' dispersjoni, kif ukoll l-applikazzjoni ta' mudelli fotokimiċi.

Sustanzi

Il-Kejl ta' sustanzi prekursuri ta' l-ożonu għandu jinkludi mill-inqas ossidi tan-nitroġenu, u komposti organiċi volatili approprijati (VOC). Lista ta' komposti organiċi volatili rakkomandata għall-kejl hija mogħtija hawn taħt.

	1-Butene	Isoprene	Ethyl benzene
Ethane	trans-2-Butene	n-Hexane	m + p-Xylene
Ethylene	cis-2-Butene	i-Hexane	o-Xylene
Acetylene	1,3-Butadiene	n-Heptane	1,2,4-Trimeth. benzene
Propane	n-Pentane	n-Octane	1,2,3-Trimeth. benzene
Propene	i-Pentane	i-Octane	1,3,5-Trimeth. benzene
n-Butane	1-Pentene	Benzene	Formaldehyde
i-Butane	2-Pentene	Toluene	Total non-methane hydrocarbons

Metodi ta' referenza

Il-metodu ta' referenza speċifikat fid-Direttiva 1999/30/KE ⁽¹⁾ jew f'leġislazzjoni Komunitarja sussegwenti japplika għal ossidi tan-nitroġenu.

Kull Stat Membru għandu jinforma lill-Kummissjoni bil-metodi li juża biex jieħu l-kampjunu jkejjel il-VOC. Il-Kummissjoni għandha twettaq eżerċizzji interparagunabbli malajr kemm jista' jkun u tinvestiga l-potenzjal għad-definizzjoni ta' metodi ta' referenza għal biex jittieħdu u jitkejju kampjuni prekursuri sabiex titjeb il-paragunabilità u l-preċiżjoni ta' kejl għar-reviżjoni ta' din id-Direttiva skond l-Artikolu 11.

L-Allokazzjoni

Għandu jittieħed kejl b'mod partikolari f' żoni urbani u suburbani fi kwalunkwe sit ta' monitoraġġ stabbilit skond il-ħtiġiet tad-Direttiva 96/62/KE u kkunsidrat approprijat fir-rigward tal-miri ta' monitoraġġ imsemmija hawn fuq.

⁽¹⁾ ĠU L 163, tad-29.6.1999, p. 41.



L-ANNEX VII

**MIRI TA' KWALITÀ TA' DATA U KOMPILAZZJONI TAR-RIŻULTATI
TA' STIMA TAL-KWALITÀ TA' L-ARJA**
I. Miri dwar il-kwalità tad-Data

Il-miri li ġejjin dwar il-kwalità tad-*data*, għal inċertezza permessa ta' metodi ta' stima, u ta' kopertura minima ta' ħin u tal-katturazzjoni ta' *data* ta' kejl huma pprovduti sabiex jiggidaw il-programmi ta' assigurazzjoni ta' kwalità.

	Għall-ożonu, NO u NO ₂
Kejl fiss kontinwu	
Inċertezza ta' kejl individwali	15 %
Katturazzjoni minima tad- <i>data</i>	90 % tul is-sajf 75 % tul ix-xitwa
Kejl indikattiv	
Inċertezza ta' kejl individwali	30 %
Katturazzjoni minima tad- <i>data</i>	90 %
Kopertura minima tal-ħin	> 10 % tul is-sajf
L-Immudellar	
L-Inċertezza	
Medji ta' siegħa (tul il-jum)	50 %
Massimu kuljum ta' 8 sigħat	50 %
Stima tal-mira	
Inċertezza	75 %

L-inċertezza (fuq interval ta' kunfidenza ta' 95 %) tal-metodi ta' kejl tiġi vvalutata skond il-prinċipji ta' l-ISO "Gwida għall-Espressjoni ta' Inċertezza fil-Kejl" (1993), jew il-metodoloġija ta' ISO 5725-1 "Eċattezza (verità u preċiżjoni ta' metodi ta' kejl u tar-riżultati)" (1994) jew ekwivalenti. Il-perċentwali għal inċertezza fit-tabella huma mogħtija għal kejl individwali, ta' medja tul perjodu għall-kalkolu ta' valuri mira u għal miri għal żmien twil, għal interval ta' kunfidenza ta' 95 %. L-inċertezza għal kejl fiss kontinwu għandha tiġi interpretata bħala applikabbli fir-reġjun tal-konċentrazzjoni wżata għall-għatba approprijata.

L-inċertezza għall-immudellar u stima tal-mira hija definite bħala d-devjazzjoni massima tal-livelli ta' konċentrazzjoni mkejila u kkalkolati, tul il-perjodu għall-kalkolu ta' l-għatba approprijata, mingħajr kont meħud tal-ħin ta' l-eventi.

"Il-Kopertura tal-ħin" hija definite bħala l-perċentwali tal-ħin ikkunsidrat għall-istabbiliment tal-valur ta' l-għatba li tulu jitkejjel il-pollutant.

"Il-Katturazzjoni tad-Data" hija definite bħala l-proporzjon tal-ħin li għalih l-istrument jipproduċi *data* valida, mal-ħin li għalih il-parametru statistiku jew il-valur aggregate għandhom jiġu kkalkolati.

Il-ħtiġiet għall-katturazzjoni tad-*data* minima u għall-kopertura tal-ħin ma jinkludux telf ta' *data* dovut għall-kalibrizzjoni regolari jew għall-manutenzjoni normali ta' l-instrumentazzjoni.

II. Riżultati ta' l-istima tal-kwalità ta' l-arja

L-informazzjoni li ġejja għandha tinġabar għal żoni jew agglomerazzjonijiet li fihom fonti ta' xort' oħra minn kejl huma impjegati għall-fornitura ta' informazzjoni mill-kejl:

- deskrizzjoni ta' l-attivitàjiet ta' stima mwettqa,
- metodi speċifiċi wżati, b' referenzi għal deskrizzjonijiet tal-metodu,
- fonti ta' *data* u informazzjoni,

▼B

- deskrizzjoni tar-riżultati, inklużi inċertezzi u, b'mod partikolari, l-estent ta' kwalunkwe żona fiż-żona jew fl-agglomerazzjoni li tulha konċentrazzjonijiet jeċċedu miri għal żmien twil jew valuri mira,
- għal miri għal żmien twil jew valuri mira li l-mira tagħhom hija l-protezzjoni tas-saħħa umana, il-populazzjoni potenzjalment esposta għal konċentrazzjonijiet li jeċċedu l-għatba.

Meta possibbli, Stati Membri għandhom ifasslu mapep li juru distribuzzjonijiet ta' konċentrazzjoni f' kull żona u agglomerazzjoni.

III. L-Istandardizzazzjoni

Għall-ożonu il-volum għandu jiġi standardizzat fil-kondizzjonijiet ta' temperatura u presjoni li ġejjin: 293 K, 101,3 kPa. Għal ossidi tan-nitroġenu l-istandardizzazzjoni speċifikata fid-Direttiva 1999/30/KE tapplika.

▼B*L-ANNESS VIII***IL-METODU TA' REFERENZA GĦALL-ANALIŻI TA' L-OŻONU U
GĦALL-KALIBRAZZJONI TA' STRUMENTI TA' L-OŻONU****I. Metodu ta' referenza għall-analiżi ta' l-ożonu u għall-kalibrazzjoni ta' strumenti ta' l-ożonu**

- Metodu ta' analiżi: UV metodu fotometriku (ISO FDIS 13964),
- Metodu ta' kalibrazzjoni: fotometru ta' referenza UV (ISO FDIS 13964, VDI 2468, B1.6).

Dan il-metodu qiegħed jiġi standardizzat mill-Kumitat Ewropew għall-Istandardizzazzjoni (CEN). Ladarba dan ta' l-aħħar ikun ippubblika l-*istandard* rilevanti, il-metodu u t-tekniki deskritti hemmhekk jikkostitwixxu l-metodu ta' referenza u kalibrazzjoni f'din id-Direttiva.

Stat Membru jista' wkoll juża kwalunkwe metodu ieħor li jista' juri jagħti riżultati ekwivalenti għall-metodu ta' hawn fuq.

▼M1
